L-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (FOI) (Kap. 496) jippromwovi t-trasparenza u r-responsabbiltà fil-gvern billi jistabbilixxi d-dritt tal-pubbliku għall-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet pubbliċi. L-informazzjoni li ġejja qed tiġi pprovduta fit-twettiq tal-obbligi stabbiliti fl-Artiklu 17 tal-Att. **(Aġġornata l-aħħar – 28 ta' Novembru 2024)**

| **Awtorità Pubblika** | **L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu** |
|---|---|
| Deskrizzjoni tad-dipartiment/direttorat/entità Istruttura | Iċ-Ċart tal-Organizzazzjoni |
| Deskrizzjoni tad-dipartiment/direttorat/entità funzjonijiet u responsabbiltajiet | Dwarna (gov.mt) |
| Deskrizzjoni ġenerali tal-kategoriji ta' dokumenti li għandu d-dipartiment/direttorat/entità (inklużi dokumenti eżentati) | • Fajls tar-Riżorsi Umani<br>• Informazzjoni u SOPs relatati ma' programmi u servizzi offruti mill-Aġenzija u informazzjoni relatata mal-parteċipazzjoni f'dawn il-programmi u servizzi<br>• Ċirkularijiet interni<br>• Il-politika dwar il-protezzjoni tad-data u dwar il-perjodu taż-żamma tad-dokumenti<br>• Rapporti annwali<br>• Rapporti interni marbuta mal-assigurazzjoni tal-kwalità<br>• Minuti tal-laqgħat tas-Senior Management Team<br>• Dokumentazzjoni tat-taqsima tal-finanzi u l-amministrazzjoni<br>• Ftehimiet u memoranda ta' qbil ma' entitajiet, korpi korporattivi, jew individwi<br>• Dokumentazzjoni relatata mar-riċerka li għaddejja u l-iżvilupp ta' politiki/strateġiji |
| Deskrizzjoni tal-manwali kollha u tipi simili ta' dokumenti li fihom politiki, prinċipji, regoli jew linji gwida li skonthom jittieħdu d-deċiżjonijiet jew isiru r-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-membri tal-pubbliku (inklużi l-korpi korporattivi u l-impjegati tal-awtorità pubblika fil-kapaċità personali tagħhom) | • L-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, inkluż il-Kodiċi ta' Etika għall-Impjegati Pubbliċi u l-Membri tal-Bordijiet<br>• Il-Public Service Management Code, inklużi l-Manwali u d-Direttivi applikabbli<br>• L-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi u r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku<br>• Politiki u strateġiji applikabbli, b'mod partikolari l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu u l-politiki tal-Lingwa fl-Edukazzjoni. |

| | |
|---|---|
| Dikjarazzjoni tal-informazzjoni li jeħtieġ li tkun disponibbli għall-membri tal-pubbliku li jixtiequ jiksbu aċċess għal dokumenti uffiċjali mill-awtorità pubblika, liema dikjarazzjoni għandha tinkludi<br>Dettalji tal-uffiċjal jew uffiċjali li lilhom għandhom jintbagħtu talbiet għal tali aċċess | L-uffiċjali tal-FOI tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jistgħu jiġu kkuntattjati permezz tal-posta elettronika fuq nla@ilearn.edu.mt jew permezz tat-telefon fuq 25982907.<br><br>It-talbiet tal-FOI jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-posta elettronika lill-nla@ilearn.edu.mt, permezz tal-portal tal-FOI https://foi.gov.mt/ bl-użu tal-e-ID jew permezz tal-formola online. |
| Dettalji tal-proċedura interna tal-ilmenti | Applikant li t-talba tiegħu għal informazzjoni tiġi miċħuda, jew li b'xi mod ieħor ma jkunx sodisfatt bl-informazzjoni pprovduta, bil-format tagħha jew bl-estensjoni tad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tan-notifika li tindika jekk talba tkunx sodisfatta jew le, jista' jressaq ilment lill-Awtorità Pubblika permezz ta' e-mail lill-nla@ilearn.edu.mt, permezz tal-portal tal-FOI https://foi.gov.mt/ bl-użu tal-e-ID jew permezz tal-formola online.<br><br>L-ilment għandu jiġi indirizzat lill-Uffiċjal tal-FOI, li għandu jressaq l-ilment għall-attenzjoni tal-uffiċjal responsabbli (jiġifieri l-aktar uffiċjal anzjan fi ħdan id-dipartiment). L-uffiċjal responsabbli għandu jwieġeb lill-applikant fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment. L-applikant għandu jiġi infurmat ukoll li jista' jappella mid-deċiżjoni jew inkella jindirizza l-ilment lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta).<br><br>L-uffiċjal responsabbli għandu jinforma lill-applikant bid-deċiżjoni meħuda fir-rigward tal-ilment tiegħu, u fil-każ ta' konferma ta' deċiżjoni li ma tiġix rilaxxata l-informazzjoni pertinenti, għandu jispjega r-raġunijiet għal dan. Kull meta l-ilment tal-applikant ikun relatat mal-format tal-informazzjoni pprovduta jew mal-estensjoni tad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tan-notifika li tindika jekk talba tintlaqax jew le mill- |

| | |
|---|---|
| | Ministeru, u d-deċiżjoni oriġinali tintlaqa', l-applikant għandu jingħata spjegazzjoni dwar għaliex l-ilment tiegħu ma jistax jiġi indirizzat b'mod pożittiv.<br>Applikant jista' wkoll jagħmel użu mill-Proċedura Interna tal-Ilmenti biex jirrapporta nuqqas marbut mar-rispett tal-iskadenzi jew ma' notifiki li suppost jirċievi. |
| Informazzjoni oħra | Ħinijiet tax-Xogħol:<br><br>**Xitwa (1 ta' Ottubru - 15 ta' Ġunju): Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – 07:30 – 16:30**<br>**Sajf (16 ta' Ġunju - 30 ta' Settembru): Mit-Tnejn sal-Ġimgħa – 07:30 – 13:30**<br><br>Il-ħlasijiet fi flus kontanti jistgħu jsiru fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Litteriżmu, Triq Ġużè Abela Scolaro, il-Ħamrun. Il-pagamenti jistgħu jsiru wkoll b'ċekk pagabbli lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jew b'transfer fin-numru tal-IBAN MT 54VALL22013000000040023748325. |
| Dettalji ta' Kuntatt tal-Awtorità Pubblika | Ikkuntattjana (gov.mt) |